MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2008

Numru 107/2007

**Albert Abela**

**Vs**

**Joseph Fenech**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-8 ta` Frar, 2007 fejn intalab li l-konvenut kellu jigi kkundannat ihallas lil attur is-somma ta` Lm1,000.00c, rapprezentanti bilanc minn ammont ta` flus illi l-attur kien ta b`self lil konvenut biex jiftah negozju u li in segwitu l-konvenut kien hallas lil attur permezz ta` cekk li pero` liema cekks baqghu ma ssarfux u baqghux ma gewx onorati mill-bank li fuqhom kienu nhargu.

Ra li l-konvenut ghalkemm legalment notifikat baqa` ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Ezamina l-provi prodotti nkuz id-dokumenti ezebiti.

Ikkunsidra.

Illi kif diga` nghad fil-premessi l-konvenut la pprezenta risposta formali in kontestazzjoni ghat-talba attrici u wisq anqas deher fis-seduti sabiex jissostanzja xi oppozizzjoni ghat-talba attrici u ghalhekk f`dan il-process jezistu biss il-provi illi ressaq l-attur.

Sema` x-xhieda ta` l-attur li bil-gurament tieghu kkonferma illi b`kollox huwa kien silef lil konvenut is-somma ta` Lm900.00c, liema ammont baqa` skopert ghalihom peress illi c-cekks li kien baghatlu l-konvenut b`referenza ghall-istess self kienu baqghu ma gewx onorati.

Jispjega wkoll l-istess attur illi s-somma l-ohra ta` Lm100.00c, hu kien qieghed jitlobha bhala rapprezentanti l-ispejjez legali u l-imghaxijiet illi qed jippretendi illi ghadda minn fuq is-somma mislufa.

Ra wkoll id-dokument ipprezentat fis-seduta ta` llum, 18 ta` Frar, 2008, konsistenti fl-istqarrija illi kien ghamel l-attur lil Pulizija dwar kif huwa kien silef il-flus lil konvenut u li dan kien ippretenda li jroddlu dawn il-flus lura tramite cekks li pero`, liema cekks baqghu ma ssarfux u kwindi ghalhekk l-attur ppretenda wkoll illi dana gie ffrodat mill-konvenut.

Illi ghalhekk ghandu jirrizulta mill-assjem tal-provi prodotti mill-attur illi t-talba tieghu ghandha tigi milqugha, b`dan pero` illi t-Tribunal qieghed jillikwida illi l-ammont realment dovut mill-konvenut lil attur bhala rapprezentanti s-self lilu moghti kien fl-ammont ta` Lm900.00c u mhux ta` Lm1,000.00c.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` t-talba attrici u dana fis-sens illi qed jillikwida l-ammont realment dovut mill-konvenut lil attur fis-somma ta` Lm900.00c, illum ekwivalenti ghal €2,096.44c (Euros), bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` dan l-avviz u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess Joseph Fenech.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------